MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru 1357/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**DYLAN DEGIORGIO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DYLAN DEGIORGIO** ta' 19-il sena, iben Mario u Maria Concetta (Connie) xebba Moon, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Marzu, 1993 u residenti gewwa 417, Flt 6, Arcades, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151893(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b'risoluzzjoni wahda talli nhar is-16 ta' Novembru, 2012 u xhur qabel, gewwa 417, Flt 6, Arcades, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euros u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euros), bil-persuna u bil-lok u liema serq sar ghad-detriment ta' ohtu Jessica Degiorgio u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kkundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D datata 14 ta' Settembru, 2011 ai termini ta' Kap. 446 Art. 22.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kkundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D datata 27 ta' Settembru, 2011 ai termini ta' Kap. 446 Art. 22.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ liberta kkundizzjonata taht supervisjoni ta’ Probation moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. A. Trigona LL.D datata 21 ta’ Novembru, 2011 ai termini ta’ Kap. 446 Art. 7.

Talli b’hekk irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenezi moghtija mill-Qorti ta’ Malta ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 15, il-fedina penali tal-imputat a fol. 16 et sequitur, l-istqarrija tal-imputat a fol. 20 u 21, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Dicembru, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens jinsab a fol. 22, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali mmarkata bhala Dok. JV a fol. 27, tlett (3) sentenzi mmarkati bhala Dok. JV1, Dok. JV2 u Dok. JV3 a fol 28 et seq, rikors ghall-mandat ta’ arrest immarkat bhala Dok. JV 4 a fol. 37 u mandat ta’ Arrest u Tfittxija mmarkat bhala Dok. JV5 a fol. 38 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi nhar is-17 ta' Settembru, 2014 xehdet il-**Probation Officer Antonella Spagnol** u spjegat li qed issegwi lill-imputat Dylan Degiorgio li qed taghraf prezenti fl-Awla fuq zewg Probation Orders moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru, elfejn u hdax (2011) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru, elfejn u hdax (2011) rispettivament minn dawn il-Qrati diversament presjeduti.

Spjegat li matul dawn is-snin iddentifikaw il-problema principali tal-imputat li hija dik ta' abbuz ta' droga u ghalhekk saru diversi tentattivi sabiex jippruvaw jghinu lill-imputat ghalkemm din qatt ma ndirizzaha din il-problema b'mod serju u ghalhekk giet prezentata d-denunzja fit-tmienja (8) ta' Awwissu, 2014 quddiem Qorti ohra diversament preseduta u dan wara li l-imputat naqas li jzomm kuntatt regolari maghha kif ukoll naqas li jiehu l-kura mehtiega ghall-problema li huwa ghandu.

Is-smiegh tad-denunzja sar quddiem il-Magistrat Dr. Francesco Depasquale u l-ohra ghadha ma gietx appuntata ghalkemm ghandha tinstema' quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona. Spjegat illi l-kawza quddiem il-Magistrat Francesco Depasquale tinsab differita ghat-tletin (30) ta' Settembru biex jara dwar l-andament tal-imputat. Sussegwentement spjegat li zamm l-appuntamenti maghha dan minkejja xorta sostna li qed jirrikorri ghall-uzu tad-droga. Rega' ghamel kuntatt ma' Reuben Degabriele fi hdan Caritas liema kuntatt pero' kien ilu wieqaf minn Gunju u minn kuntatt li hija ghamlet ma'

Reuben Degabriele, Dylan wera x-xewqa li jidhol fix-xelter u fil-fatt minhabba fil-passat saru diversi pjanijiet u dawn kollha sfaxxew fix-xejn, minn naha tal-Caritas qeghdin jistennew aktar motivazzjoni minn naha ta' Dylan.

Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat ghandux xoghol spjegat li le ma ghandux. Spjegat li ommu dejjem kienet prezenti hemmhekk sabiex tghinu pero' il-familja tieghu ilha naturalment tbaghti minhabba din il-problema u ghalhekk fil-fehma taghha hemm bzonn kbir li huwa jindirizzaha l-problema tieghu tad-droga.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2014.

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu probelma akuta ta’ tehid u abbuz ta’ droga u mhux kapaci jindirizza din il-problema wahdu.  Rat illi l-imputat ghandu bzonn ghajnuna sabiex jindirizza din il-problema.

Spejgat lill-imputat it-tifsira tal-ammissjoni tieghu u li kien ser jispicca l-habs pero' minkejja dan insista li jirregistra tali ammissjoni bil-ghan li jekk ikun il-habs isib l-ghajnuna li tant ghandu bzonn.

Rat li l-imputat ghadu zghir fl-eta' u rat li verament ghandu bzonn l-ghajnuna izda dan fuq bazi residenzjali ghaliex wahdu ma jidhirx li hu kapaci jindirizza l-problema li huwa ghandu u dan qed tghidu ghaliex minkejja li huwa nghata tlett (3) *conditional discharges* minn din il-Qorti diversament preseduta huwa baqa' ghaddej fil-hajja ta' kriminalita' tant li rega' spicca l-Qorti.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l- Artikoli 49, 50, 261 (c)(d)(e), 278 (3), 280 (2), 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat DYLAN DEGIORGIO hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) effettivi.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal- Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega u mmedjata sabiex jindirizza l-problema akuta tieghu ta' abbuz ta' droga.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------